

Brussell, 19 ta' Mejju 2017
(OR. en)

9055/17

Fajl Interistituzzjonali:
2016/0404 (COD)

COMPET 327
MI 399
ETS 37
DIGIT 131
SOC 328
EMPL 245
CONSOM 201
CODEC 784

RAPPORT

minn:	Presidenza/Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kunsill
Nru. dok. preċ.: Nru dok. Cion:	8710/17 COMPET 281 MI 364 ETS 32 DIGIT 110 SOC 298 EMPL 224 CONSOM 167 CODEC 700 5281/1/17 REV 1 COMPET 22 MI 32 ETS 3 DIGIT 6 SOC 16 EMPL 12 CONSOM 11 CODEC 36 IA 7
Suġġett:	Proposta għal DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar test tal-proporzjonalità qabel l-adozzjoni ta' regolamentazzjoni ġdida tal-professjonijiet - Approċċ ġenerali

I. INTRODUZZJONI

1. Il-Kummissjoni ppreżentat il-proposta ta' hawn fuq fl-10 ta' Jannar 2017.¹ L-oġġettiv ewlieni tagħha huwa li tintroduċi qafas komuni għat-twettiq ta' valutazzjonijiet tal-proporzjonalità fir-regolamentazzjoni tal-professjonijiet permezz tal-użu ta' kriterju ta' proporzjonalità bbażat fuq il-ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja.

¹ dok. 5281/17 + ADD1, ADD2 - COM (2016) 822 final.

Il-Grupp ta' Ħidma tal-Kunsill dwar il-Kompetittività u t-Tkabbir (Suq Intern) eżamina l-proposta fi tmien laqgħat minn meta ġiet ippreżentata. Il-Valutazzjoni tal-Impatt li takkumpanja l-proposta ġiet eżaminata fl-1 ta' Frar 2017. F'dik l-okkażjoni, għadd ta' delegazzjonijiet esprimew tħassib dwar il-mod kif il-Kummissjoni ttrattat l-aspett tas-sussidjarjetà, il-każistika attwali u l-bażi legali ġġustifikata għall-proposta.²

2. Il-Kumitat tal-Parlament Ewropew għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur (IMCO) għadu ma vvotax ir-rapport tiegħu dwar il-proposta u konsegwentement, il-Parlament Ewropew għadu ma tax l-opinjoni tiegħu fl-ewwel qari.
3. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew għadu ma tax l-opinjoni tiegħu. Il-Kunsill ma talabx opinjoni mill-Kumitat tar-Reġjuni.

II. SITWAZZJONI ATTWALI

4. Matul in-negozjati fil-livell tal-Grupp ta' Ħidma, il-kompromess tal-Presidenza evolva b'mod konsiderevoli mill-proposta oriġinali tal-Kummissjoni fid-dawl tal-informazzjoni mogħtija u t-tħassib imqajjem mill-Istati Membri. B'mod ġenerali, il-Presidenza hija tal-fehma li l-proposta saret aktar sempliċi u flessibbli biex tiġi implimentata mill-amministrazzjonijiet nazzjonali filwaqt li ċ-ċertezza legali żdiedet.
5. Fl-10 ta' Mejju 2017 ġie ppreżentat test ta' kompromess tal-Presidenza (dok. 8713/17) lill-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti. Waqt il-laqgħa tal-Kumitat, il-Ġermanja kienet ipproponiet emenda għall-premessa 20, u l-premessa ġiet eventwalment emendata fuq dik il-bażi mill-Presidenza. It-test ta' kompromess tal-Presidenza wara l-laqgħa tal-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti jinsab fid-dokument 9057/17.

² Il-Parlamenti tal-Awstrija, Franza u l-Ġermanja ħarġu twissijiet dwar is-sussidjarjetà b'rabta ma' din il-proposta, id-dokumenti 7282/17, 7351/17, 7443/17 u 7459/17.

6. Fil-laqgħa tal-10 ta' Mejju, id-delegazzjoni Awstrijaka, Franċiża, Ġermaniża u dik Rumena esprimew riżervi ta' skrutinju, filwaqt li d-delegazzjoni Ungeriża qajmet it-tħassib tagħha dwar it-test tal-proposta. Id-delegazzjoni Daniża żżomm riżerva ta' skrutinju parlamentari, iżda esprimiet appoġġ għat-test.
7. Fid-dawl ta' din is-sitwazzjoni ġenerali u l-progress miksub, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti qabel li jgħaddi t-test (dok. 9057/17) lill-Kunsill Kompetittività għal qbil dwar Approċċ Ġenerali fid-29 ta' Mejju 2017.

III. KONKLUŻJONI

Il-Kunsill huwa mistieden

- jikkonferma qbil fil-forma ta' Approċċ Ġenerali.
- jawtorizza lill-Presidenza biex tibda diskussjonijiet informali mar-rappreżentanti tal-Parlament Ewropew sabiex jiġu esplorati l-possibiltajiet għal qbil fl-ewwel qari.